MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2267/2002

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Joanna Abela u l-istess Joanna Abela**

**vs**

**Angelo Buttigieg u Joseph Buttigieg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Settembru, 2002 fejn intalabet dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh fi Triq l-Ammiraljat, Paola, fil-5 ta' April, 2001 bejn bus numru DBY-377 (il-konvenut Angelo Buttigieg) u s-Subaru numru FBB-358 isjuqa minn Joanna Abela, u l-konvenut Joseph Buttigieg kien**

**responsabbli "in solidum" mal-konvenut l-iehor billi fl-incident il-bus numru DBY-377 ta' Joseph Buttigieg kienet tinsaq bla polza ta' assikurazzjoni bi vjolazzjoni tal-Kap.104.**
**Flimkien ma kundanna kontra l-konvenuti "in solidum" biex ihallsu elf erba' mija u ghaxar liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1410.20) in linea ta' danni lis-socjeta` attrici u hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) danni lill-attrici Joanna Abela.**
**Bl-ispejjez tal-avviz prezenti u Lm34.50 ta' konsulti u ittri u bl-imghax kontra l-konvenuti, kollox "in solidum" bejniethom ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fis-26 ta' Settembru, 2003, fejn intqal :**
**Illi il-konvenut Angelo Buttigieg qed jopponi ruhu ghat-talba attrici billi d-danni pretizi huma eccessivi;**
**Il-konvenut Joseph Buttigieg ma jistax jigi ritenut responsabbli ghad-danni pretizi mill-atturi, liema danni f'kull kaz huma eccessivi.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Mizzi, Joanna Abela, Daniel Wright, PS1439 John Tabone, Angelo Buttigieg, Mario Mifsud u Joseph Zammit. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet, fil-5 ta' April, 2001, fit-Triq L-Ammiraljat Paola, bejn il-vettura Xarabank bin-numru ta' registrazzjoni DBY-377 misjuqa mill-konvenut Angelo Buttigieg, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjon FBB-358 misjuqa minn Joanna Abela.**
**2. Mil-provi mismugha jidher illi l-kontestazzjoni hija biss dwar il-kwantu. Ma hemmx dubju illi ghal-incident in kwistjoni kien jahti l-konvenut Angelo Buttigieg meta dan baqa diehel minn wara fil-vettura tal-attrici li kienet parkeggjata.**

**3. In sostenn tat-talba taghha dwar id-danni l-attrici esebit prospett Dok P, li juri li l-vettura kienet "total loss". Gew esebiti wkoll ricevuti tat-"towing" Dok R u l-hlas li sar mill-assigurazzjoni lill-attrici Dok S, kif ukoll ricevuta tal-RAR Dok T. Gie esebit id-Dok GA3 li huwa d-dokument tar-registrazzjoni tal-vettura.**

**4. Il-vettura in kwistjoni tal-attrici kienet Subaru mudell M80, hatchback, petrol.**

**5. Is-surveyor tas-socjeta attrici Anthony Mizzi kien ra l-vettura u kien iddecida illi din kienet 'write off'. Gie esebit ukoll is-survey li sar minn Natalino Agius u s-socjeta attrici halset l-ammont lil attrici.**

**6. Skond l-attrici l-karozza kienet inxtrat gdida ghal prezz ta' elfejn u tlett mitt lira maltija (Lm2,300.00).**

**7. Ghalkemm il-vettura wara l-incident kellha hsarat estensivi fuq quddiem, mal-genb u fuq wara, il-konvenut Angelo Buttigieg jinsisti li din ma kelliex bzonn li tigi towed. Skond l-istess konvenut hu kien qal li jekk il-karozza kienet tiswa elf lira maltija (Lm1,000.00) kien lest li jiehu l-karozza u jghati d-differenza. In sostenn ta' dan Angelo Buttigieg ma gab l-ebda prova.**

**8. It-Tribunal, jinnota illi mix-xhieda ta' Mario Mifsud, Claims Manager jirrizulta li l-vettura kienet assigurata ghal Lm1,600.00 elf u sitt mitt lira maltija u bhala wreck value kien tnaqqas l-ammont ta' mitejn lira maltija (Lm200.00). Il-kapacita tal-magna kienet 785cc. Anthony Mizzi s-surveyor qal ukoll illi d-data tal-manifattura tal-vettura kienet is-sena 1991. Din it-tip ta' Subaru kellha xi *extras* maghha, bhal *central locking, power windows*, u affarijiet ohra differenti minn normali.**

**9. JIrrizulta skond id-Dok MM1, illi s-Subaru in kwistjoni kellha *market value* ta' elf u hames mitt lira maltija (Lm1,500.00).**

**10. Skond il-Perit Tekniku Joseph Zammit prodott ex-parte mill-konvenut, ma dherlux li kien hemm xi hsara li ghaliha l-vettura kellha titqies bhala *write off*. Pero' it-Tribunal japprezza illi dak li qed jghid Joseph Zammit huwa abbazi biss tar-ritratti li seta' jara u ta' xejn aktar, filwaqt illi s-surveyor seta' jasal ghal konkluzjoni li ghaliha wasal peress illi hu attwalment**

**raha dak iz-zmien. L-istess Joseph Zammit jaghti *book value* ghall-vettura fis-somma ta' elf u tlett mitt lira maltija (Lm1,300.00), minflok elf u hames mitt lir maltija (Lm1,500.00), pero' jerga jinghad illi dan ma kienx f'posizzjoni li jara l-vettura bl-*extras* kollha li kellha.**

**11. Ghalhekk jirrizulta illi l-ammont fil-fatt mitlub ma huwiex eccessiv. Inoltre jirrizulta illi ex admissis Angelo Buttigieg ma kienx assigurat. Fic-cirkostanzi l-konvenuti ghandhom jigu ritenuti responsabbli in solidum ghad-danni subiti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut Angelo Buttigieg unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u peress illi z-zewg konvenuti kienu responsabbli *in solidum* ghad-danni subiti, jikkundannhom *in solidum* ihallsu lis-socjeta` attrici Untours Insurance Agents Ltd noe s-somma ta' elf erba' mija u ghaxar liri maltin u ghoxrin centezmu (Lm1410.20), u lill-attrici Joanna Abela s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm25.00) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-4 ta' Lulju, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi Lm34.50 ta' konsulti ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti *in solidum*.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------